MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
ANTONIO MIZZI**

Seduta tal-11 ta' Dicembru, 2009

Numru. 798/2002

Il-Pulizija
(Sup Raymond D’Anastas)
vs
Joseph Maria Scicluna, iben Paul, imwieled ir-Rabat (Malta) fil-25 ta’ April, 1943 (Karta ta’l-Identita’ numru 305143M)

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat, fuq talba tal-Kummissarju tat-Taxxi Nterni –
talli f’dawn il-Gżejjer, matul dawn l-aħħar snin, fil-kariga tiegħu ma Daewoo Malta Limited b’diversi azzjonijiet differenti u b’risoluzzjoni waħda, bħala persuna li tħaddem u/jew manager u/jew uffiċjal prinċipali ieħor u/jew pagatur, u għaldaqstant il-persuna responsabbli skond l-artikolu 23(1) ta’ l-Att dwar l-Ammistrazzjoni tat-Taxxa Kapitolu

372 (hawn aktar ‘il quddiem imsejjaħ l-Att) u ir-Regola 30 tar-Regoli ta’ l-1998 dwar il’Final Settlement System’ (FSS) (hawn iżjed ‘il quddiem imsejħa ir-Regoli), wara li tħallsu emolumenti taxxabbli taħt l-artikolu 4(1)(a)(b) u/jew (d) ta’ l-Att dwar it-Taxxa fuq l-Income, Kapitolu 123 bi ksur tad-dispozizzjonijiet li ser jissemmew:

1. naqas milli jibgħat lill-Kummissarju tat-Taxxi Nterni fiż-żmien preskritt it-taxxa mnaqqsa mill-istess emolumenti kif tenut jagħmel skond l-artikolu 23(1) ta’ l-Att u ir-Regola 15(1) tar-Regoli, u dan għall-perjodu tas-snin 1998, 1999 u 2000 għar-rigward tas-somma ta’ Lm62,444.00;
2. naqas milli jibgħat lill-Kummissarju tat-Taxxi Nterni fiż-żmien preskritt il-prospett/i dettaljat/i skond l-artikolu 23(2) ta’ l-Att u ir-Regola 15(1) tar-Regoli u dan għar-rigward tal-prospett/i għall-perjodu fuq imsemmi;
3. naqas milli jibgħat fiż-żmien preskritt ir-returns annwali li jikkonsistu fil-formuli FS3 u FS& għas-sena 2000;
4. approprja ruħu billi dawwar għalih jew għall-persuna/i oħra s-somma ta’ Lm62,444.00 li hu żamm taħt titolu li ġġib miegħu l-obbligu tar-radd tal-ħaġa jew li jsir użu minnha speċifikat għad-dannu tal-Gvern ta’ Malta u ta’ diversi mpjegati tad-Daewoo Malta Limited.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tal-11 ta’ Diċembru, 2009 fejn il-Qorti ġiet infurmata li l-imputat ġie nieqes fil-mori ta’ din il-kawża u cioe’ fis-6 ta’ Novembru, 2009.

Rat iċ-ċertifikat tal-mewt ta’ l-imputat eżebit mill-Prosekuzzjoni.

Għaldaqstant, minħabba r-raġuni nfraskritta tiddikjara l-proċediment estint.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------